Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Illum il-Gimgha 25 ta' Settembru 2015

Rikors Guramentat numru 55/2011JD

**Carmelo Attard, Reverendu Dun Tarcisio Attard, Joseph Attard, Mauro Attard, Loreta Attard, George Attard, Emanuel Attard, Suor Bernardetta fis-seklu maghrufa bhala Antonia Attard, Mario Attard u Joseph Attard u b'digriet tal-4 ta' Settembru 2014 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq il-mejtin Guseppi Attard u Rev Dun Tarcisio Attard ghal fuq l-atturi l-ohra George Attard, Loreta xebba Attard u Mauro Attard stante l-mewt tal-atturi Guseppi Attard u Rev. Dun Tarcisio Attard**

**Vs**

**Direttur tal-Ufficcju Kongunt**
**Registratur tal-Artijiet**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

Illi r-rikorrenti wirtu minghand il-genituri taghhom Gregorio Attard u Maria Assunta Attard (nee' Galea) li mietu rispettivament fid-dsatax (19) ta' April 1964 u fid-disgha (9) ta' Marzu 1944 (dokumenti A u B), id-dar numru sebgha u ghoxrin (27), gia' numru erbatax (14), u drabi ohra numru dsatax (19), Triq Fawwara, Ghajnsielem, Ghawdex, bl-art maghha annessa kollox tal-kejl superficjali ta' mitejn u erbgha u disghin metri kwadri (294m.k.), liema fond ilu fil-pussess tar-rikorrenti sa minn zmien nannuhom matern Antonio Galea ghal 'il fuq minn mitt sena, li mbaghad wara l-mewt tieghu li grat fis-sena 1926 intiret minn omm ir-rikorrent, u mbaghad in segwitu ghall-mewt taghha mir-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti ricentement saru jafu li l-konvenut Direttur tal-Ufficcju Kongunt permezz ta' applikazzjoni li dahhal fir-Registru tal-Artijiet fis-6 ta' Dicembru 2005, liema applikazzjoni ggib in-numru LRA2227/05 (dokument C u D) talab u rregistra t-titolu tieghu ta' proprjetarju ta' dan il-fond bis-sahha tal-Att numru IV.1992 dwar Proprjeta' ta' Entijiet Ekklezjastici Kapitli 358 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ligi dahlet fis-sehh fit-18 ta' Frar 1993;

Illi dan il-fond qatt ma kien proprjeta' ta' xi enti ekklezjastika u baqa' qatt m'ghadda ghand l-Ufficcju Kongunt bis-sahha tal-imsemmija ligi;

Illi minkejja li in segwitu ghal din ir-registrazzjoni, ir-rikorrenti kienu pprotestaw ruhhom mal-konvenut Direttur tal-Ufficcju Kongunt, u l-Ufficcju Kongunt kien gharaf u approva, u ddikjara li kien qed jirrikonoxxi li dan il-fond huwa eskluz mil-lista tal-proprjeta' li giet mghoddija mill-knisja lill-Gvern ta' Malta, u li hija proprjeta' privata, u dan wara li kellu konferma wkoll tal-istess mill-awtorita' ekklezjastika (dokumenti E, F u G), xorta wahda baqa' m'ghamel xejn sallum biex jirtira r-registrazzjoni tat-titolu tieghu fuq il-fond *de quo;*

Illi minkejja li l-esponenti talbu biex jirregistraw it-titolu taghhom fuq dan il-fond, din it-talba taghhom ma kinitx giet accettata billi l-konvenut Registratur tal-Artijiet kien gia' rregistra t-titolu favur il-Gvern ta' Malta;

Illi minkejja li kemm il-konvenut Direttur tal-Ufficcju Kongunt gie nterpellat permezz ta' protest gudizzjarju (dokument H) biex jirtira r-registrazzjoni tat-titolu li kien talab fuq dan il-fond, kif ukoll il-konvenut l-iehor Registratur tal-Artijiet kien gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali (dokument I) biex ihassar din ir-registrazzjoni li hemm favur il-Gvern ta' Malta bis-sahha tal-poteri li ghandu fit-termini tal-artikolu 51 tal-Kap 296 dwar ir-Registrazzjoni tal-Artijiet, huma baqghu nadempjenti;

Illi dan in-nuqqas da parti tal-konvenuti sar u ghadu qed isir bi pregudizzju serju tad-drittijiet tar-rikorrenti;

L-atturi ghalhekk talbu lil din il-Qorti:

(i) tiddikjara fl-ewwel lok li d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ma kellu ebda jedd li jirregistra t-titolu fuq il-fond numru 27, Triq Fawwara,

Ghajnsielem, li bl-art ta' mieghu fih kejl ta' cirka mitejn u erbgha u disghin metri kwadri (294m.k.), kif muri fil-pjanta annessa mal-applikazzjoni LRA2227/05, wisq aktar li jinsisti li jhalli r-registrazzjoni tieghu fis-sehh billi dan il-fond kien eskluz mil-lista tal-proprjeta' mghoddija mill-knisja lill-Gvern ta' Malta bis-sahha tal-Att numru IV. 1992 (Kap 358);

(ii) konsegwentement ir-registrazzjoni mitluba mid-Direttur tal-Ufficcju Kongunt u c-certifikat mahrug mir-Registratur tal-Artijiet lill-Gvern ta' Malta bin-numru tal-Proprjeta' 22001250 huma nulli u bla effett;

(iii) tordna ghalhekk it-thassir mir-registru tar-registrazzjoni tal-proprjeta' numru 22001250 li r- Registratur tal-Artijiet hareg favur il-Gvern ta' Malta;

(iv) konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Artijiet jirregistra t-titolu tal-fond *de quo* f'isem ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-protest gudizzjarju numru 16/2011 tad-9 ta' Marzu 2011 u tal-ittra ufficjali numru 419/2011 tal-20 ta' Gunju 2011.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi f'ittra datata 8 ta' Novembru 1996, hawn annessa u mmarkata 'Dok A', l-Avukat Michael Grech, ghan-nom ta' Mauro Attard kien baghat ittra lill-Kurja ta' l-Isqof f'Ghawdex fejn irrimarka specifikament li kien hemm dubju dwar it-titolu tal-Kurja ghall-fond numru 27, Triq il-Fawwara, Ghajnsielem, Ghawdex;

2. Illi wara li kienu saru ricerki skoprew li d-dar u l-gardina jiffurmaw parti mill-Benefizzju maghruf bhala 'Ta' San Mikiel tac-Cimiteru' u l-Avukat Grech ikkonkluda li 'ghalhekk tappartjeni lill-Kurja';

3. Illi peress li l-Avukat Grech, a bazi tar-ricerki tieghu, kien skopra li l-fond kien fil-fatt tal-Kurja, wiehed mir-rikorrenti, u cjoe' Mauro Attard, li ghadu joqghod fil-fond imsemmi, fis-16 ta' Dicembru 1996, kien hallas l-ammont ta' Lm132 (Lm4.25c) fis-sena bhala kera ta' dar

u mandra numru 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem ghas-snin 1965 sa 1996 kif tixhed l-ircevuta hawn mehmuza u mmarkata bhala 'Dok B';

4. Illi dan huwa wkoll ikkonfermat minn sentenza deciza mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona, fl-ismijiet Francis Buttigieg vs Mauro Attard ta' l-24 ta' Gunju 2003 (cit numru 131/1997):

   "F'dan il-kuntest jirrizulta li l-konvenut jippossjedi b'titolu ta' kera 'dar u mandra numru 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem'...."

5. Illi f'sentenza ohra deciza mill-Magistrat Paul Coppini, fl-ismijiet Mauro Attard vs Francis Buttigieg et ta' l-20 ta' Mejju 2011 (cit numru 104/2003) gie sottolineat is-segwenti:

   "L-attur ressaq bizzejjed provi sabiex juri li huwa wiret il-lokazzjoni tal-fond li jgib in-numru 27, Triq il-Fawwara, Ghajnsielem, minghand iz-zijiet tieghu Frangisk u Maria konjugi Xuereb, u li gie anke rikonoxxut bhala inkwilin mis-sid li dakinhar kienet id-Djocesi ta' Ghawdex u sussegwentement il-Gvern ta' Malta permezz tal-Joint Office. Ir-ricevuti relattivi ghal din il-kirja kienu dejjem isiru 'ghall-fond numru 27, Triq Fawwara, bil-mandra annessa".

6. Illi dan juri li r-rikorrenti Mauro Attard veru wiret minghand l-antenati tieghu l-pussess tal-fond, izda taht titolu ta' lokazzjoni u huwa qatt ma kien ikkunsidrat bhala s-sid tal-proprjeta', kif jammetti r-rikorrenti Mauro Attard stess u mid-dokumenti li pprezenta hu stess fil-kawza numru 104/2003;

7. Illi permezz tal-Ftehim iffirmat fit-28 ta' Novembru 1991 bejn is-Santa Sede u Malta dwar it-trasferiment lill-Istat ta' dik il-proprjeta' immobbli f'Malta li ma hijiex mehtiega mill-Knisja Kattolika ghal skopijiet pastorali, permezz tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati 'Dok C' u 'Dok D' il-proprjeta' numru 27, Triq il-Fawwara, Ghajnsielem, giet trasferita lill-Istat bl-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Kontroll nhar l-4 ta' Frar 1998;

8. Illi wara dan it-trasferiment f'idejn il-Gvern, wiehed mir-rikorrenti, Mauro Attard, kompla jhallas il-kera din id-darba lill-Gvern u mhux iktar lill-Kurja, kif tixhed ircevuta numru PS31374 u datata 5 ta' Frar

2003 li kienet il-kera mhallsa mir-rikorrenti ghas-sena ta' l-2003, hawn mehmuza u mmarkata 'Dok E';

9. Illi dan l-istess Mauro Attard, fl-14 ta' Jannar ta' l-1997, kien applika sabiex jixtri dan l-istess fond u fil-fatt ma' l-applikazzjoni kien hallas is-somma ta' Lm100, kif tixhed l-ircevuta hawn annessa u mmarkata 'Dok F';

10. Illi huwa difficli li wiehed jirrikoncilja ruhu ma' dak li qed jallegaw ir-rikorrenti meta wiehed mir-rikorrenti stess, u cjoe' Mauro Attard kien lest li jixtri l-fond minghand il-Gvern meta l-fond huwa allegatament tieghu u ta' hutu stess;

11. Illi fis-26 ta' Jannar 2007, in-Nutar Dottor Keith Francis German, kien sahansitra nforma lil Mauro Attard, permezz ta' ittra mmarkata 'Dok G' li l-Ufficcju Kongunt kien lest li jipprocedi ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, izda mbaghad dan il-kuntratt baqa' ma sehhx peress li giet mibghuta ittra minghand l-Avukat Mario Scerri datata 19 ta' April 2007, hawn annessa u mmarkata 'Dok H' li allega li skont xi ricerki nstab li l-proprjeta' msemmija ma kinitx proprjeta' tal-Knisja izda ta' certa Maria Teresa Orland;

12. Illi min-naha ta' l-Ufficcju Kongunt, il-Kumitat tal-Kontroll kien gharaf ghal xi zmien li dan il-fond seta' jigi eskluz mil-lista ta' proprjeta' li giet mghoddija mill-Knisja lill-Gvern;

13. Illi peress li l-Kumitat tal-Kontroll ma kkunsidrax il-kuntratt datat 16 ta' Marzu, 1888 fl-Atti tan-Nutar Lorenzo Cassar bhala prova sufficjenti u li tista' titqies aqwa mill-provi u r-ricerki misjuba mill-Avukat Grech, ghalhekk id-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt ma jistax jaqbad u jhassar bl-addocc ir-registrazzjoni ta' din il-proprjeta' a favur tar-rikorrenti;

14. Illi mill-1888 sal-lum seta' kien hemm diversi titoli successivi fuq il-proprjeta' msemmija;

15. Illi m'hemm ebda garanzija li l-kuntratt imsemmi qieghed jirreferi ghall-fond numru 27, Triq il-Fawwara, Ghajnsielem;

16. Illi mhux minnu li d-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt baqa' inadempjenti meta rcieva l-protest gudizzjarju kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok I';

17. Illi f'kaz li fl-iter ta' din il-kawza jinstab li kien hemm xi dokumentazzjoni ohra li turi li l-fond ma kienx jappartjeni lill-Kurja izda kien proprjeta' privata, l-esponenti jirrilevaw li huma m'ghandhomx jinzammu responsabbli talli l-fond gie rregistrat fuq il-Gvern ta' Malta peress li r-ricerki li kien ghamel l-Avukat Grech kienu juru li l-proprjeta' kienet tappartjeni lill-Knisja;

18. Illi f'kaz li r-rikorrenti jipproducu evidenza univoka u konvincenti, kif diga' mitluba minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 12 ta' Lulju 2011, li verament il-fond huwa proprjeta' tar-rikorrenti, f'dak il-kaz biss, l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-diskrezzjoni prudenzjali ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli ghal zbalji li setghu graw matul iz-zminijiet minn entitajiet ohra u mhux mill-esponenti;

19. Illi ghaldaqstant id-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt u r-Registratur ta' l-Artijiet m'ghandhomx jigu akkollati bl-ispejjez tal-proceduri istanti;

20. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed jigu ngunti in subizzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara li d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ma kellux jedd li jirregistra t-titolu fuq il-fond numru 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem. Qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li r-registrazzjoni u c-certifikat mahrug mir-Registratur tal-Artijiet lill-Gvern ta' Malta huma nulli u bla effett, it-thassir tar-

registrazzjoni u tordna lir-Registratur tal-Artijiet jirregistra t-titolu tal-fond *de quo* f'isem l-atturi.

L-atturi jsostnu li dan il-fond numru 27, gia' numru 14 u drabi ohra numru 19, Triq Fawwara, Ghajnsielem, Ghawdex bl-art maghha annessa tal-kejl superficjali ta' 294mk wirtuh minghand il-genituri taghhom Gregorio Attard u Maria Assunta Attard (nee' Galea).

Dan il-fond ilu fil-pussess ta' l-atturi sa minn zmien nannuhom Antonio Galea ghal fuq minn 100 sena. Wara l-mewt tieghu fl-1926 intiret minn ommhom.

Mill-atti jirrizulta li d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt talab u rregistra titolu ta' proprjeta' ta' dan il-fond bis-sahha tal-Att Numru IV. 1992 permezz ta' applikazzjoni li dahlet fis-6 ta' Dicembru 2005.

Hekk kif l-atturi saru jafu, huma pprotestaw ruhhom ma' l-ufficcju kongunt. Fl-atti nsibu tliet dokumenti minn fejn it-tezi attrici hija bbazata:

i) ittra datata 24 ta' Lulju 2007 miktuba mis-segretarju amministrattiv, Kurja ta' Ghawdex lill-Ufficcju Kongunt, Mons. Guzeppi Cauchi, indikat b'referenza ghall-fond numru 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem, Ghawdex li kien qieghed jintbaghat dokument li skontu kien juri bic-car li l-informazzjoni mibghuta mid-Djocesi ta' Ghawdex lill-Joint Office snin qabel kienet skorretta[1].

ii) Correction sheet to Annex 8[2] - rigwardanti l-proprjeta' de quo biex tigi eskluza minn Annex 8 ghaliex hija proprjeta' privata. Din il-korrezzjoni giet mitluba minn Mons. Guzeppi Cauchi. Fuq dan id-dokument hemm l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Kontroll li ggib id-data tad-9 ta' Awwissu 2007.

iii) Dok E : ittra indirizzata lil Dr Mario Scerri minn impjegat ghad-direttur ufficcju kongunt fejn gie nfurmat li l-Ufficcju Kongunt *"jaghraf li dan il-fond hu eskluz mil-lista tal-proprjeta' mghoddija mill-Knisja lill-Istat ghax hi proprjeta' privata"*.

[1] Dok F a fol 14 tal-process
[2] Dok G a fol 15 tal-process

iv) L-atturi min-naha taghhom ipprezentaw ukoll kopji ta' 4 denunzji prezentati minn xi antennati taghhom. Fid-denunzja ta' zijiet l-attrici Tereza Galea[3] (li mietet xebba fis-26 ta' Gunju 1962 li wirtuha l-atturi) gie denunzjat kwint indiviz (1/5) tal-lok ta' djar 56, Ghajnsielem Street, Ghajnsielem soggett ghac-cens perpetwu ta' £1:2:6 fis-sena u jista' jinkera £15 fis-sena. Fid-denunzja ta' zijuhom Mons. Guzeppi Galea Rapa[4] li miet fit-8 ta' Novembru 1976 u wirtuh l-atturi gie dikjarat ¼ ta' dar u zewg hwienet f'Fawwara Str, Ghajnsielem. Fid-denunzja ta' Carmelo Galea[5] giet dikjarata 1/3 ta' dar:- 27, 28, Fawwara Street, Ghajnsielem li tikkonsisti f'kmamar isfel, kcina, tarag u 3 kmamar fuq, toilet u kantina. Fid-denunzja ta' Gregorju Attard[6] li miet fid-19 ta' April 1964 giet denunzjata s-segwenti proprjeta' : lok ta' djar b'mandretta mieghu li jinsab fi Triq Fawwara Numri 6, 7, 8, Ghajnsielem u terran 9, 10, Triq Fawwara, Ghajnsielem.

Id-Direttur Ufficcju Kongunt min-naha tieghu esebixxa diversi dokumenti:-

i) Dok A[7] : ittra tat-8 ta' Novembru 1996 li permezz taghha Dr Michael Grech ghan-nom ta' Mauro Attard baghat ittra lill-Kurja ta' Ghawdex fejn kiteb *"li saru xi ricerki l-indikazzjonijiet huma li din id-dar u l-gardina ta' maghha jiffurmaw parti mill-Benefizzju mgharuf bhala Ta' San Mikiel tac-Cimiteru u ghalhekk tappartjeni lill-Kurja".* Ghalhekk l-Avukat Grech ta struzzjonijiet lil Mauro Attard sabiex minghajr pregudizzju ghall-jeddijiet tieghu jhallas il-kera kollu dovut.

ii) Dok B[8] li huwa ricevuta. Mauro Attard fis-16 ta' Dicembru 1996 hallas l-ammont ta' LM132 bhala kera ta' dar u mandra numru 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem ghas-snin 1965 sa 1996.

---

[3] Dok TA1 a fol 174 tal-process
[4] Dok TA 2 a fol 180 tal-process
[5] Dok TA 3 a fol 186 tal-process
[6] Dok TA 4 a fol 188 tal-process
[7] A fol 42 tal-process
[8] A fol 43 tal-process

iii) Dok C u Dok D – it-trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni lill-Istat bl-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Kontroll fl-4 ta' Frar 1998.

iv) Dok E – ircevuta ta' hlas tal-kera li sar minn Mauro Attard lill-Ufficcju Kongunt fil-5 ta' Frar 2003.

v) Dok F[9] - ircevuta ta' Lm100 imhallsa minn Mauro Attard lill-Gvern ta' Malta billi kien applika sabiex jixtri l-fond fl-14 ta' Jannar 1997.

vi) Dok G[10] - ittra datata min-Nutar German tas-26 ta' Jannar 2007 li permezz taghha nforma lil Mauro Attard li l-Ufficcju Kongunt kien lest li jipprocedi ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-post in kwistjoni.

vii) Dok H hija ittra minn Dr Scerri ghan-nom ta' l-ahwa Attard tad-19 ta' April 2007 li permezz taghha jsostni li minn ricerki ulterjuri dwar it-titolu li sar mill-klijenti tieghu rrizulta li l-fond in kwistjoni mhux u qatt ma kien proprjeta' tal-Knisja izda kien proprjeta' ta' certu Maria Teresa Orland li skonthom ikkoncediet b'rahan dan il-fond lin-nannuhom, Antonio Galea b'kuntratt tas-16 ta' Marzu fl-atti tan-Nutar Lorenzo Cassar. Komplew li, id-dritt li ghandhom jew jista' ghad ghandhom fuq din il-proprjeta' huma ghalhekk l-eredi ta' din Maria Teresa Orland u mhux il-Knisja, li mir-ricerki li saru rrizulta li din kellha wkoll it-tfal.

viii) Dok I[11] hija risposta ghall-protest gudizzjarju maghmul mill-atturi. L-Ufficcju Kongunt jindika li wara li ezamina l-kuntratt tas-16 ta' Marzu 1888 il-fond imsemmi fil-kuntratt ma kienx bin-numru 27 izda bin-numru 14 u ghalhekk kien jehtieg kjarament u ntalbu ricerki aggornati.

ix) Dok VG1[12] - correction sheet ghal Annex 8 minfejn jirrizulta li kienet qeghdha tigi kkancellata l-correction sheet approvata fid-9 ta' Awwissu 2007. Din il-correction sheet giet approvata mill-

[9] A fol 47 tal-process
[10] A fol 48 tal-process
[11] A fol 51 tal-process
[12] A fol 53 tal-process

kumitat tal-kontroll fil-15 ta' Ottubru 2010. Kwindi l-proprjeta' in kwistjoni regghet giet inkluza fl-Annex 8.

x) Dok K huwa l-kuntratt tas-16 ta' Marzu 1888 li sar bejn Maria Teresa Orland u Antonio Galea. Maria Teresa Orland kienet iddikjarat *"di ricevere senzjalmenti in mutuo dal bottegaio Antonio Galea del fu Giuseppe nato in Ghajnsielem del Gozo ve risiede, ai me Notaio presente e sborsante la somma di lire cinquanta in oro"*

*"Per facilitare il pagamento di detti interessi, la detta Signora vedova Orland, loca e con titolo di locazione cede al detto Antonio Galea, accettante il luogo di case posto in Ghajnsielem del Gozo, Strada Fawwara al numero quattordici ………….per l'annuo fitto di lire sterline due e scellini dieci, pagabili ogni anno postecipato ed ogni il-quindici agosto di ogni anno.*

*Tutti gli acconcimi che saranno necessari in detto luogo di case debbono essere fatted al detto Galea.*

*Convengono fra loro i contraenti che detto fitto di lire due scellini dieci annui debbono essere dal detto Antonio Galea, trattenuti in compenso e pagamento di lucri del capitale di sopra mutuato e sintantocche' sara' pagato detto capitale mutuato".*

Din il-Qorti semghet ukoll diversi xhieda. L-atturi qeghdin jistriehu hafna fuq ix-xhieda li ta Rev. Monsinjur Giusepp Cauchi[13]. Huwa xehed li dan il-fond gie registrat ghand il-Knisja fl-1965. Minn dik id-data lura qatt ma deher fuq ir-registru tal-Knisja. Jispjega li f'xi zmien dan il-fond kien f'idejn Sander Tabone. Xehed li saret korrezzjoni ghal Annex 8 billi din hija proprjeta' privata. Min-naha l-ohra ma kienx jaf jirrispondi ghaliex fis-sena 2010 iffirma correction sheet ohra li kkancellat l-correction sheet tas-sena 2007. Isostni li baghtulu l-karta u ffirmaha u li ma kienx prezenti meta ttiehdet id-decizjoni. Jixhed li mir-ricerki ma rrizulta l-ebda titolu favur il-Kurja.

Vincent Gilson[14] xehed li din il-proprjeta' giet ghand Maria Teresa Orland permezz ta' divizjoni tat-22 ta' Awwissu 1883 li fil-fatt kien

[13] Seduta tal-10 ta' Mejju 2012
[14] Seduta tal-25 ta' Settembru 2012

hemm deskrizzjoni ta' l-istess bhala *"un mezzanine con giardino se poco ingiunto nel locale Ghajnsielem, Strada Fawwara, numero 14, di tumolo uno e mondelli Quattro.."*. Huwa kompla li jidher li din Orland kienet ittrasferiet lil certu Lorenzo Gauci d-dritt li jinnomina ghal darba biss lil min kien jirrapprezenta l-*jus patronat* ta' San Mikiel.

L-attur Carmelo Attard min-naha tieghu jixhed li dwar il-post numru 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem jiftakar lil ommu u z-zijiet ighidu li kien inxtara ghall-prezz ta' hamsin lira tad-deheb minghand xi nies minn Malta. Huwa dejjem jiftakar dan il-post fil-pussess ta' familtu u dejjem qiesuh bhala proprjeta' taghhom. Ghamlet zmien twil tghix fih zijithom Maria Xuereb u dam ighix maghha f'dan il-post sa ma kellu 20 sena. Din kienet mizzewga izda ma kellhiex tfal u trabba maghha. F'parti minn dan il-post kellha hanut tal-merca u kellha wkoll hanut tal-inbid li kien maghruf bl-isem ta' 'Glory of England Bar'. Dawn il-hwienet kien fetahhom nannuh u wara mewtu komplew bin-negozju zitu u zewgha. Wara l-mewt taghha l-permess qalbu fuq ismu huh Mauro Attard. Jixhed li dan il-post gie dikjarat fid-denunzji taz-zijiet il-qassis Dun Guzepp Galea Rapa, Carmelo Galea, Tereza Galea, Maria Xuereb u ommu Maria Assunta Attard. Safejn jaf huwa dan kien l-uniku post li min-naha tal-familja ta' ommu kellhom f'din it-triq. Huwa ma jistax jifhem kif huh Mauro beda jhallas il-kera lill-Kurja. Huh Rev Tarcisio kien hassu urtat bil-parir moghti mill-Avukat Grech tant li kien kiteb kemm lill-Kurja kif ukoll lill-avukat biex jesprimi tali disapprovazzjoni.

Xehed ukoll Rev. Monsinjur John Bosco Cremona[15] li huwa ufficjal fis-sezzjoni tal-proprjeta' tal-Kurja Veskovili ta' Ghawdex sa mill-1987. Huwa spjega li l-proprjeta' inkwistjoni ma gietx inkluza mill-ewwel mal-Annex 8 fit-18 ta' Frar 1993 billi kienet thalliet barra bi zball. Ir-raguni hija li kien ammonti enormi ta' files. Il-Benefizzju ta' San Mikiel tac-Cimiterju fuq il-beni ta' Triq Fawwara fih 27 tomna. Dan il-benefizzju jinqasam f'diversi klawsuri mbaghad.

Illi ikkunsidrati tali provi u xhieda prezentati fl-atti din il-Qorti jidhrilha li l-atturi m'ghandhomx ragun u t-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda. Ir-ragunijiet huma diversi u huma dak li se jigu elenkati:

[15] Seduta tat-18 ta' Gunju 2013

- L-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 358 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li 'minghajr pregudizzju ghal kull dritt appartenenti lil terzi, it-titolu ghall-proprjeta' immobbli li dwarha japplika dan l-artikolu jkun registrabbli u jigi registrat fir-Registru ta' l-Artijiet mill-Ufficcju Kongunt f'isem il-Gvern ta' Malta… bhallikieku l-art li dwarha jkun jirreferi dak it-titolu kienet tinsab f'area ta' registrazzjoni hekk dikjarata bis-sahha ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni tal-Artijiet'. Is-subartikolu 4 tal-artikolu 5 jaqra: '…ghar-rigward tal-Gvern u ta' l-entitajiet ekklesjastici t-titolu ghandu jitqies bhala titolu assolut (hlief ghal kull kwalifika li tista' tohrog mic-certifikat mahrug mill-Ufficcju Kongunt) u jkun wiehed li ma jistax jithassar jew jitnehha…' Ma' dan hemm ukoll l-artikolu 21(2) tal-Kap 296 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad li 'meta l-art ser tigi registrata f'isem il-Gvern', dik ir-registrazzjoni 'ghandha tigi registrata' b'titolu garantit'.
- Illi anki d-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt dejjem sostna li fil-kaz li l-atturi jipprezentaw id-dokumenti li juru l-provenjenza tal-fond u jippruvaw li hija taghhom ma kien se jsib l-ebda oggezzjoni li jnehhi r-registrazzjoni.
- Gie ppruvat permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Awwissu 1883 li l-art kienet ta' Maria Teresa Orland. Dan il-fond imbaghad inghata b'titolu ta' lokazzjoni lil Antonio Galea skont il-kuntratt tas-16 ta' Marzu 1888.
- L-atturi esebew diversi denunzji tal-antennanti taghhom li minnhom ma jirrizultax dak li qed isostnu l-atturi u cioe' li l-antennati taghhom dejjem qiesu li dan il-fond huwa taghhom. Infatti kuntrarjament ghal dak sostnut minnhom dan il-fond ma giex denunzjat dejjem per ezempju f'dik ta' Gregorju Attard (missier l-atturi) li saret minn Rev Tarcisio Attard li kien attur f'din il-kawza dan il-fond ma giex dikjarat. Il-fond numru 9, 10 mhux l-istess fond mertu tal-kawza odjerna billi dan huwa l-fond huwa tal-familja Attard. Mentri f'denunzji ohra gie dikjarat frazjoni ta' post. Huwa minnu li d-denunzja per se mhijiex prova ta' xi titolu u kif issottomettew il-konvenuti hija dikjarazzjoni unilaterali pero' certament hija ndikattiva wkoll u f'dan il-kaz l-indikazzjoni moghtija mill-atturi u l-antennati taghhom hija ghal kwantu konfuzjonali.
- Huwa minnu li l-atturi rcevew korrispondenza mill-kurja li l-fond kien se jigi eskluz mil-Anness 8 ghaliex hija proprjeta' privata permezz ta' correction sheet 2007/GZO/1017 li kienet giet approvata fid-9 ta' Awwissu 2007. Izda wara din il-correction sheet kien hemm

ohra 2010/GZO/2046 li proprju kkancellat l-correction sheet precedenti u din il-correction sheet giet approvata fil-15 ta' Ottubru 2010 wara li kienet ittiehdet decizjoni mill-Kumitat tal-Kontroll.

- Min-naha l-ohra l-Avukat li kien jirraprezenta lill-attur Mauro Attard fil-passat wara ricerki li kien ghamel kien indika permezz ta' ittra fl-1996 mibghuta lill-awtoritajiet tal-Knisja li d-dar u l-gardina in kunsiderazzjoni kienu aktarx jiffurmaw parti mill-Benefizzju ta' San Mikiel tac-Cimiterju.
- Wara tali ittra jirrizulta li Mauro Attard fl-1996 (li huwa l-persuna li jghix f'dan il-fond) hallas il-kera mis-sena 1965 sas-sena 2012.
- Fl-atti ta' din il-kawza giet ukoll prezentata ricevuta li din id-darba hija datata 21 ta' Mejju 1981[16] minfejn jirrizulta li Dun Pawl Meilaq bhala Prokuratur ta' Beneficcju San Mikiel tac-Cimiterju, li kien jircievi l-hlasijiet tal-qbiela u hlasijiet dovuti fl-ufficcju tal-proprjeta' tal-Kurja, ircieva l-ammont ta' LM8.50 (Lm4.24 fis-sena) minghand Mauro Attard bin Girgor li joqghod 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem bhala hlas tal-kera tad-dar 27, Triq Fawwara, Ghajnsielem ghas-snin 1968 u 1969. Fuq din l-ircevuta fuq in-naha ta' fuq taghha hemm indikat minflok Francesco Xuereb. Dan Francesco Xuereb kien iz-ziju ta' Mauro Attard.
- Din l-ircevuta ghalhekk tirrisali ghal ferm qabel ma kienet intbaghtet l-ittra mill-istess Dr Michael Grech ghan-nom ta' l-istess Mauro Attard.
- Imbaghad Dok JBC1[17] prezentat minn Rev Monsinjur John Bosco huwa dokument rigwardanti l-klawsura tal-Fawwara li l-fundatur taghha huwa Antonio Pospullo. Fuq dan id-dokument hemm indikat li Frangisk Xuereb "28/29, Triq Fawwara, Ghajnsielem. (Mawru Attard)" kien ihallas 4.25 kera. Minn hawn wiehed jista' jinnota li n-numri huma '28/29' u mhux numru '27' li huwa n-numru tal-fond mertu tal-kawza odjerna. Madankollu ma jirrizultax li l-antennati ta' l-atturi kellhom xi proprjeta' ohra fl-istess triq hlief in-numru 9,10 li Mauro Attard jixhed li hija tal-familja tieghu u thalliet bhala wirt lil Rev. Dun Tarcisio Attard. Ghalhekk Mauro Attard innifsu kien qieghed jirrikonoxxi li l-fond mhux proprjeta' tieghu.
- L-istess Mauro Attard jixhed li r-ragel taz-zija beda jaghtih il-flus u kien jaghmillu ktieb ahmar, erba' liri u hames xelini ta' dar u mandra.

[16] Dok JBC1 a fol 280 tal-process
[17] A fol 241 u 242 tal-process

- Il-konvenuti jirreferu wkoll ghal diversi kawzi li diga' gew decizi fejn kien involut Mauro Attard. Dawn il-kawzi pero' la gew allegati u lanqas kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-Qorti se tara l-istess atti.
- Jirrizulta wkoll li Mauro Attard ipprova jixtri dan il-fond darbtejn. Darba fis-snin sebghin u darba ohra fl-1997 kif riferut aktar 'il fuq. Kwindi huwa evidenti li l-istess Mauro Attard la kien jemmen li l-fond huwa tieghu u wisq anqas kien qieghed jigi possedut *animo domini.*

Illi l-konvenuti ssollevaw in-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-atturi kollha hlief ta' Mauro Attard billi huwa dan ta' l-ahhar li jirrisjedi f'dan il-fond. Hekk kif gie ritenut din l-eccezzjoni tista' tigi sollevata fi kwalunkwe stadju purche' l-kontro-parti tinghata l-opportunita' titratta l-istess punt. F'dan il-kaz l-atturi ma trattawx din il-kwistjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. In vista pero' li din il-Qorti ma tqisx li l-konvenuti ghandhom ragun f'din is-sottomissjoni se tibqa' ghaddejja bis-sentenza. Ghalkemm huwa minnu li Mauro Attard jirrisjedi fil-fond l-atturi qeghdin isostnu li l-fond huwa taghhom u ghadda ghandhom b'successjoni u kwindi anki jekk fil-mertu ma nghatawx ragun xorta kellhom l-interess guridiku biex iressqu l-azzjoni taghhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba attrici billi din giet irtirata minnhom, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet l-ohra attrici bl-ispejjez a karigu ta' l-istess atturi.

(ft.) Josette Demicoli
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur